Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Thor Dan	40

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bieb bla numru (Flettijiet)	**42**
		Daħla għall-garaxxijiet	**44**
		Garaxx	**46**
		Bieb bla numru	**48**

It-22 ta' Lulju, 2022

Nru. 921

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAS-SLIEMA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1205 tal-4 ta' Novembru, 2016, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Gżira/Tas-Sliema', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

22nd July, 2022

No. 921

NUMBERING OF DOORS AT TAS-SLIEMA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 1205 dated 4th November, 2016, under the title 'Numbering of doors at Il-Gżira/Tas-Sliema', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

TAS-SLIEMA

TRIQ MORONI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ġanni Bencini

Left side entering from Triq Ġanni Bencini

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ġanni Bencini

Right side entering from Triq Ġanni Bencini

Emendi – *Amendments*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	133		
Garaxx	135		
Bieb bla numru	137		
Bieb bla numru	139		
Bieb bla numru	141		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
133	133		
Daħla għall-garaxxijiet	**135**		
Bieb bla numru	**137**		
The River Oaks Blk D	**139**		
197	**141**		

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
141	141		

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
The River Oaks Blk C	**143**		
Bieb bla numru	**145**		

It-22 ta' Lulju, 2022

Nru. 922

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL TARXIEN

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 231 tal-11 ta' Marzu, 2011, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Tarxien', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

22nd July, 2022

No. 922

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL TARXIEN

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 231 dated 11th March, 2011, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Tarxien', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

ĦAL TARXIEN

1. TRIQ IR-RUSSETT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Karm Sant

Left side entering from Triq Dun Karm Sant

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Karm Sant

Right side entering from Triq Dun Karm Sant

Emendi – ***Amendments***

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	1		
Sit bla bini	3		
Sit bla bini	5		
Sit bla bini	7		
Sit bla bini	9		
Sit bla bini	11		
Sit bla bini	13		
Sit bla bini	15		
Sit bla bini	17		
Sit bla bini	19		
Garaxx	21		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**1**		
Salamat (Flettijiet)	**3**		
Garaxx	**5**		
Bieb bla numru	**7**		
Bieb bla numru	**9**		
Bieb bla numru	**11**		
Garaxx	**13**		
Bieb bla numru	**15**		
Garaxx	**17**		
21 (Garaxx)	21		

* In-numru 19 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Pennylane	29		

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
7	**31**		
Mayfair Court Block A	**33**		
6	**35**		

It-22 ta' Lulju, 2022

Nru. 923

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN

NGĦARRFU b'din illi b'referenza għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 885 sa 889, ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,893 tad-19 ta' Lulju, 2022 , id-data ta' taħt kull Notifikazzjoni kellha tkun id-19 ta' Lulju, 2022 fil-verżjoni bil-Malti u 19th July, 2022 fil-verżjoni bl-Ingliż.

22nd July, 2022

No. 923

NUMBERING OF DOORS

IT is notified that with reference to Government Notices Nos. 885 to 889, published in the Government Gazette No. 20,893 of the 19th July, 2020, the date under each Government Notice should have been id-19 ta' Lulju, 2022 in the Maltese verson and 19th July, 2022 in the English version.

It-22 ta' Lulju, 2022

Nru. 924

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax [18] tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Pjazza Sir Luigi Preziosi, Il-Furjana (indikat fuq il-pjanta f'paġna 10,916).

Parti minn Triq Paceville, San Ġiljan (indikat fuq il-pjanta f'paġna 10,917).

Triq William H Prescott, San Ġiljan (indikat fuq il-pjanta f'paġna 10,918).

Parti minn Triq l-Iskwerra, Is-Swieqi (indikat fuq il-pjanta f'paġna 10,919).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq [inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni] għandha sa ħmistax [15]- il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq

22nd July, 2022

No. 924

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

In virtue of Article eighteen [18] of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Pjazza Sir Luigi Preziosi, Il-Furjana (indicated on site plan on page 10,916).

Part of Triq Paceville, San Ġiljan (indicated on site plan on page 10,917).

Triq William H Prescott, San Ġiljan (indicated on site plan on page 10,918).

Part of Triq l-Iskwerra, Is-Swieqi (indicated on site plan on page 10,919).

Any person who is obliged by law to form said road [including by acquiring land necessary for the same formation] has fifteen [15] days from the date of the publication of this notice within which to comply with his

l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mill-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn il-25 ta' Lulju, 2022 u l-31 ta' Marzu, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Pjazza Sir Luigi Preziosi, Il-Furjana. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn il-25 ta' Lulju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parti minn Triq Paceville, San Ġiljan. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn il-25 ta' Lulju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq William H Prescott, San Ġiljan. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn il-25 ta' Lulju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parti minn Triq l-Iskwerra, Is-Swieqi. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Għal għajnuna jew aktar informazzjoni, ibgħat email fuq (info.im@infrastructuremalta.com).

It-22 ta' Lulju, 2022

obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 25th July, 2022 and 31st March, 2023, it will be starting road works in Pjazza Sir Luigi Preziosi, Il-Furjana. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 25th July, 2022 and 31st December, 2022, it will be starting road works in part of Triq Paceville, San Ġiljan. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 25th July, 2022 and 31st December, 2022, it will be starting road works in Triq William H Prescott, San Ġiljan. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 25th July, 2022 and 31st December, 2022, it will be starting road works in part of Triq l-Iskwerra, Is-Swieqi. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related "no parking" signs on site are liable to be towed.

For assistance or for more information, email (info.im@infrastructuremalta.com).

22nd July, 2022




INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ing. Trustin Farrugia Cann

S:\Traffic Management\2022\Floriana\2022 Floriana.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION		DRAWING TITLE: FLORIANA Plazza Sir Luigi Preziosi - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)	
HEAD OF UNIT: N.V.			
PROJECT LEADER: -	DATE: JULY 2022	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD166/22
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:5000	REVISION: A / PAGE NO: 3




INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
-

S:\Traffic Management\2022\San Giljan\2022 San Giljan.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: SAN ĠILJAN
HEAD OF UNIT: N.V.	po Triq Paceville - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)
PROJECT LEADER: -	DATE: JULY 2022 / FILE NO: - / DRAWING NO: IMD163/22
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1:2500 / REVISION: A / PAGE NO: 5




INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
-

S:\Traffic Management\2022\San Giljan\2022 San Giljan.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: SAN ĠILJAN
HEAD OF UNIT: N.V.	Triq William H. Prescott - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)
PROJECT LEADER: -	DATE: JULY 2022 / FILE NO: - / DRAWING NO: IMD162/22
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1:2500 / REVISION: A / PAGE NO: 4


Wied Mejxu
TRIQ WIED MEJXU
TRIQ F. VIDAL
TRIQ IX-XIBER
TRIQ IL-PULJIER
TRIQ IL-WE
Ix-Xagħrat
115
110
SITE
105
100
96
TRIQ IS-SIEGĦ
TRIQ IT-TONNA
TRIQ L-IBRAĠ
106.6
L-IBRAĠ
114.7
Ta' Wied il-Kbir
TRIQ WABB IL-QAMM
TRIQ IL-KAFFIS
BARMIL
P
115
UNIT NAME: IMPLEMENTATION
HEAD OF UNIT: N.V.
PROJECT LEADER: A.S.
DRAWN BY: -
CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Trustin Farrugia Cann
DRAWING TITLE: IS-SWIEQI po TRIQ L-ISKWERRA SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)
DATE: JUNE 2022
FILE NO: -
DRAWING NO: RD53/18
SHEET SIZE: A4
SCALE: 1:2500
REVISION: B
PAGE NO: 2
INFRASTRUCTURE MALTA

Nru. 925

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 925


NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

ĦAD-DINGLI

KJARIFIKA FL-ESTENSJONI TA' TRIQ

Triq il-Liedna, għandha tibda minn k/m Triq il-Kbira u twassal sa k/m Triq il-Għajn hekk kif indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta.



L-ISLA

Spazju miftuħ, li jinstab ġewwa Ix-Xatt Juan B. Azopardo, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

SPAZJU RIKREATTIV
GEORGE DINGLI
SPORTIV
1934 - 2022



L-ISLA

Parti minn triq komunement magħrufa bħala Triq ir-Rampa, li tibda minn k/m Ix-Xatt Juan B. Azopardo u li twassal sa Triq is-Sur, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ NAZZARENO MIFSUD
ĦABRIEKI TAR-REGATTA
1949 - 2015



PAOLA

Spazju miftuħ li jinsab f'Telgħet Raħal Ġdid, biswit l-entratura ta' Ġnien il-Mediterran, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN TONY BEZZINA
PRESIDENT TAL-HIBERNIANS
1948 - 2021



PAOLA
SANZJONAR

Triq komunement magħrufa bħala It-Telgħa ta' Ras Ħanżir li tinstab fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


IT-TELGĦA
TA' RAS ĦANŻIR



PAOLA
BDIL FL-ISEM

Triq Swansea li tibda minn k/m Il-Moll tal-Faħam u li twassal sa k/m Triq Cardiff, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ
EMMANUEL DELICATA
IMPRENDITUR
1916 - 2015



IL-FGURA

KORREZZJONI

Triq Titu Brandsma tissemma ..... TRIQ SAN TITU BRANDSMA
KARMELITAN u MARTRI
1881 - 1942

It-22 ta' Lulju, 2022

Nru. 926

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
22.7.2022	€53.861	€0.593

22nd July, 2022

No. 926

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

It-22 ta' Lulju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 127

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati

Il-Qala

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Lulju, 2022, mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur u Triq San Ġużepp (madwar il-pjazza);

Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022, mit-3.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq it-Tempju, Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp u Pjazza San Ġużepp;

Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022, mit-3.30 p.m. sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022, minn Pjazza San Ġużepp.

22nd July, 2022

POLICE NOTICE

No. 127

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Qala

On Wednesday, 27th July, 2022, from 6.00 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur and Triq San Ġużepp (around Main Square);

On Saturday, 30th July, 2022, from 3.30 p.m. till 8.00 p.m., through Triq it-Tempju,Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp and Pjazza San Ġużepp;

On Saturday, 30th July, 2022, from 3.30 p.m. till 2.00 a.m. of Sunday, 31st July, 2022, through Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022, mit-8.15 a.m. sas-1.00 p.m., minn Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq San Ġużepp, Triq D. Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta'April 1688, u Pjazza San Ġużepp;

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022, mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m. tat-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022, minn Pjazza San Ġużepp;

Nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022, mis-7.00 p.m. sas-1.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Awwissu, 2022, minn Pjazza San Ġużepp;

Nhar l-Erbgħa, 3 ta' Awwissu, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2022, minn Pjazza San Ġużepp;

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2022, mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m tal-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022, minn Triq in-Nigret, Triq Anton Buttigieg, Triq Ġanni Vella, Triq Salvu Attard, Triq Anton Buttigieg, Triq Baldasare Cagliares, Triq it-30 ta' Ottubru, Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp, Triq it-28 ta' April 1688 u Pjazza Isqof Buttigieg;

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022, mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022, minn Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq ir-Rebħa, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg u Triq it-28 ta' April, 1688;

Nhar is-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq it-Tempju, Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp, Pjazza San Ġużepp, Triq ir-Rebħa, Triq l-Indipendenza u Triq Strickland;

Nhar is-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022, mis-7.30 p.m. sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, minn Triq il-Belveder, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta' April 1688 u Pjazza San Ġużepp;

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, mill-10.00 a.m. sal-4.00 p.m., minn Triq Patri Ġużepp Portelli, Triq l-Imġarr, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta' April 1688 u Pjazza San Ġużepp;

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, mill-5.30 p.m. sas-1.00 a.m. tat-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022, minn Pjazza San Ġużepp, Triq il-Wardija, Triq il-Belveder, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta' April 1688 u Pjazza San Ġużepp.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Santa Venera/Ħal Qormi

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022, mis-6.45 p.m. sal-10.30 p.m., għeluq minn Marsa-Ħamrun Bypass (minn Triq Ħal

On Sunday, 31st July, 2022, from 8.15 a.m. till 1.00 p.m., through Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq San Ġużepp, Triq D. Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta'April 1688, and Pjazza San Ġużepp;

On Monday, 1st August, 2022, from 6.00 p.m. till 1.00 a.m. of Tuesday, 2nd August, 2022, through Pjazza San Ġużepp;

On Tuesday, 2nd August, 2022, from 7.00 p.m. till 1.00 a.m. of Wednesday, 3rd August, 2022, through Pjazza San Ġużepp;

On Wednesday, 3rd August, 2022, from 8.00 a.m. till 1.00 a.m. of Thursday, 4th August, 2022, through Pjazza San Ġużepp;

On Thursday, 4th August, 2022, from 7.30 p.m. till 1.00 a.m of Friday, 5th August, 2022, through Triq in-Nigret, Triq Anton Buttigieg, Triq Ġanni Vella, Triq Salvu Attard, Triq Anton Buttigieg, Triq Baldasare Cagliares, Triq it-30 ta' Ottubru, Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp, Triq it-28 ta' April 1688 and Pjazza Isqof Buttigieg;

On Friday, 5th August, 2022, from 7.30 p.m. till 1.00 a.m. of Saturday, 6th August, 2022, through Pjazza San Ġużepp, Triq in-Nadur, Triq ir-Rebħa, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg and Triq it-28 ta' April 1688;

On Saturday, 6th August, 2022, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq it-Tempju, Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala, Triq San Ġużepp, Pjazza San Ġużepp, Triq ir-Rebħa, Triq l-Indipendenza and Triq Strickland;

On Saturday, 6th August, 2022, from 7.30 p.m. till 2.00 a.m. of Sunday, 7th August, 2022, through Triq il-Belveder, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta' April 1688 and Pjazza San Ġużepp;

On Sunday, 7th August, 2022, from 10.00 a.m. till 4.00 p.m., through Triq Patri Ġużepp Portelli, Triq l-Imġarr, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta' April 1688, and Pjazza San Ġużepp;

On Sunday, 7th August, 2022, from 5.30 p.m. till 1.00 a.m. of Monday, 8th August, 2022, through Pjazza San Ġużepp, Triq il-Wardija, Triq il-Belveder, Pjazza l-Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta' April 1688 and Pjazza San Ġużepp.

Public transport may also be affected.

Santa Venera/Ħal Qormi

On Sunday, 31st July, 2022, from 6.45 p.m. till 10.30 p.m., closure through Marsa-Ħamrun Bypass (from Triq Ħal Qormi

Qormi sar-roundabout għall-Imrieħel), Triq Ġużè Abela Scolaro, Santa Venera, Triq Manwel Attard, Santa Venera, Triq il-Burdnara, Ħal Qormi, Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi, Triq ir-Raġħaj, Ħal Qormi, Triq il- Furnar, Ħal Qormi, Triq Armal, Ħal Qormi u Triq Marco Montebello, Ħal Qormi;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022, mill-4.45 p.m. sal-11.30 p.m., clearance minn Triq Ġużè Abela Scolaro, Santa Venera, Triq Manwel Attard, Santa Venera, Triq il-Burdnara, Ħal Qormi, Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, Triq il- Mastrudaxxa, Ħal Qormi, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi, Triq ir-Raġħaj, Ħal Qormi, Triq il- Furnar, Ħal Qormi, Triq Armal, Ħal Qormi u Triq Marco Montebello, Ħal Qormi;

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022, għeluq mit-7.45 a.m. sat-8.15 a.m., minn 11.45 a.m. sal-12.15 p.m. u mis-6.45 p.m. sad-9.00 p.m., nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022, mit-7.45 a.m. sat-8.15 a.m., minn 11.45 a.m. sal-12.15 p.m. u mis-5.45 p.m. sas-7.00 p.m. u nhar is-Sibt, 31 ta' Lulju, 2022, mit-7.45 a.m. sat-8.15 a.m. u minn 11.45 a.m. sal-12.15 p.m. minn Marsa Ħamrun Bypass, Triq il-Burdnara Ħal Qormi, Triq il-Kaċċatur Ħal Qormi, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, Triq Ġużè Abela Scolaro, Santa Venera, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi, Triq ir Raġħaj, Ħal Qormi u Triq il-Furnar, Ħal Qormi;

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022, nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju, 2022, u nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022, clearance il-ġurnata kollha minn Triq il-Burdnara, Ħal Qormi, Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, Triq Ġużè Abela Scolaro, Santa Venera, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi, Triq ir-Raġħaj, Ħal Qormi u Triq il-Furnar, Ħal Qormi.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Birgu

Mill-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022, f'nofsinhar sat-3.00 a.m. tat-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022, minn Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq La Vallette, Triq San Filippu, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Polverista, Triq Boffa, Triq il-Mina l-Kbira u Wesgħat il-Kolleġġjata;

Mill-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022, mill-5.00 a.m. sal-11.30 p.m. tal-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, minn Triq it-Torri ta' San Ġwann;

Mis-Sibt 6 ta' Awwissu, 2022, f'nofsinhar sal-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, fit-3.00 a.m., minn Triq Nestu Laiviera,

roundabout to Mrieħel), Triq Ġużè Abela Scolaro, Santa Venera, Triq Manwel Attard, Santa Venera, Triq il-Burdnara, Ħal Qormi, Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi, Triq ir-Raġħaj, Ħal Qormi, Triq il-Furnar, Ħal Qormi, Triq Armal, Ħal Qormi and Triq Marco Montebello, Ħal Qormi;

On Sunday, 31st July, 2022, from 4.45 p.m. till 11.30 p.m., clearance through Triq Ġużè Abela Scolaro, Santa Venera, Triq Manwel Attard, Santa Venera, Triq il-Burdnara, Ħal Qormi, Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi, Triq ir-Raġħaj, Ħal Qormi, Triq il-Furnar, Ħal Qormi, Triq Armal, Ħal Qormi and Triq Marco Montebello, Ħal Qormi;

On Monday, 25th July, 2022, closure from 7.45 a.m. till 8.15 a.m., from 11.45 a.m. till 12.15 p.m. and from 6.45 p.m. till 9.00 p.m., on Saturday, 30th July, 2022, from 7.45 a.m. till 8.15 a.m., from 11.45 a.m. till 12.15 p.m. and from 5.45 p.m. till 7.00 p.m. and on Sunday, 31st July, 2022, from 7.45 a.m. till 8.15 a.m. and from 11.45 a.m. till 12.15 p.m. through Marsa-Ħamrun Bypass, Triq il-Burdnara, Ħal Qormi, Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, Triq Ġużè Abela Scolaro, Santa Venera, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi, Triq ir Raġħaj, Ħal Qormi and Triq il-Furnar, Ħal Qormi;

On Monday, 25th July, 2022, on Saturday, 30th July, 2022, and on Sunday, 31st July, 2022, clearance all day through Triq il-Burdnara, Ħal Qormi, Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi, Triq in-Nassab, Ħal Qormi, Triq Ġużè Abela Scolaro, Santa Venera, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi, Triq ir-Raġħaj, Ħal Qormi and Triq il-Furnar, Ħal Qormi.

Public transport will be affected.

Vittoriosa

From Sunday, 31st July, 2022, at noon till 3.00 a.m. of Monday, 1st August, 2022, through Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq La Vallette, Triq San Filippu, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Polverista, Triq Boffa, Triq il-Mina l-Kbira and Wesgħat il-Kolleġġjata;

From Friday, 5th August, 2022, from 5.00 a.m. till 11.30 p.m. of Sunday, 7th August, 2022, through Triq it-Torri ta' San Ġwann;

From Saturday, 6th August, 2022, at noon till Sunday, 7th August, 2022, at 3.00 a.m., through Triq Nestu Laiviera,

Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq San Filippu, Triq La Vallette, Triq il-Miratur, Triq l-Antika, Triq Emanuel Attard Bezzina, Triq il-Mina l-Kbira u Triq it-Torri ta' San Ġwann;

Mill-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, f'nofsinhar, sat-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022, fit-3.00 a.m., minn Pjazza tal-Belt Vittoriosa u Triq il-Mina l-Kbira;

Mit-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022, fis-6.00 a.m., sat-Tlieta, 9 ta' Awwissu, 2022, fit-3.00 a.m., minn Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laiviera, Triq San Filippu, Triq La Vallette, Triq il-Mina l-Kbira u Triq San Duminku;

Mit-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022, fis-6.00 a.m., sat-Tlieta, 9 ta' Awwissu, 2022, fit-3.00 a.m., minn Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq il-Mina il-Kbira, Triq Pawlu Boffa u Fuq is-Sur ta' San Ġwann (Torri ta' San Ġwann);

Mit-Tlieta, 9 ta' Awwissu, 2022, fis-6.00 a.m., sal-Erbgħa, 10 ta' Awwissu, 2022, fit-3.00 a.m., minn Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laiviera, Triq il-Mina l-Kbira, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Kwartier, Triq Pacifico Scicluna, Triq Hilda Tabone, Triq Santa Skolastika, Triq La Vallette, Triq San Filippu, Triq il-Kardinal, Triq Desain u Triq Sant'Antnin, Triq iċ-Ċimiterju u Triq Emanuel Attard Bezzina;

Mill-Erbgħa, 10 ta' Awwissu, 2022, fis-6.00 a.m., sal-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2022, fit-3.00 a.m., minn Triq Nestu Laiviera, Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq La Vallette, Triq il-Miratur, Triq Santa Skolastika, Triq Hilda Tabone, Triq Prospero Grech, Triq Paċifiku Scicluna, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Mina l-Kbira, Triq Pawlu Boffa, Triq San Lawrenz, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Filippu u Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi;

Mill-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2022, fis-6.00 a.m., sal-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu, 2022, fit-3.00 a.m., minn Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq il-Mina l-Kbira u Wesgħet il-Kolleġġjata;

Mill-Erbgħa, 3 ta' Awwissu, 2022, fis-6.00 a.m., sal-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu, 2022, fit-3.00 a.m., minn Pjazza tal-Belt Vittoriosa u Triq il-Mina l-Kbira.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Lulju, 2022

Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq San Filippu, Triq La Vallette, Triq il-Miratur, Triq l-Antika, Triq Emanuel Attard Bezzina, Triq il-Mina l-Kbira and Triq it-Torri ta' San Ġwann;

From Sunday, 7th August, 2022, at noon, till Monday, 8th August, 2022, at 3.00 a.m., through Pjazza tal-Belt Vittoriosa and Triq il-Mina l-Kbira;

From Monday, 8th August, 2022, at 6.00 a.m., till Tuesday, 9th August, 2022, at 3.00 a.m., through Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laiviera, Triq San Filippu, Triq La Vallette, Triq il-Mina l-Kbira and Triq San Duminku;

From Monday, 8th Ausust, 2022, at 6.00 a.m., till Tuesday, 9th August, 2022, at 3.00 a.m., through Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq il-Mina il-Kbira, Triq Pawlu Boffa and Fuq is-Sur ta' San Ġwann (St John's Tower);

From Tuesday, 9th August, 2022, at 6.00 a.m., till Wednesday, 10th August, 2022, at 3.00 a.m., through Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq San Lawrenz, Triq Nestu Laiviera, Triq il-Mina l-Kbira, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Kwartier, Triq Pacifico Scicluna, Triq Hilda Tabone, Triq Santa Skolastika, Triq La Vallette, Triq San Filippu, Triq il-Kardinal, Triq Desain and Triq Sant'Antnin, Triq iċ-Ċimiterju and Triq Emanuel Attard Bezzina;

From Wednesday, 10th August, 2022, at 6.00 a.m., till Thursday, 11th August, 2022, at 3.00 a.m., through Triq Nestu Laiviera, Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq La Vallette, Triq il-Miratur, Triq Santa Skolastika, Triq Hilda Tabone, Triq Prospero Grech, Triq Paċifiku Scicluna, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Mina l-Kbira, Triq Pawlu Boffa, Triq San Lawrenz, Triq Desain, Triq il-Kardinal, Triq San Filippu and Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi;

From Thursday, 11th August, 2022, at 6.00 a.m., till Friday, 12th August, 2022, at 3.00 a.m., through Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq il-Mina l-Kbira and Wesgħet il-Kolleġġjata;

From Wednesday, 3rd August, 2022, at 6.00 a.m., till Friday, 12th August, 2022, at 3.00 a.m., through Pjazza tal-Belt Vittoriosa and Triq il-Mina l-Kbira.

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

22nd July, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 128

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta'Awwissu, 2022, mis-2.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq G. Agius Muscat u Triq is-Santwarju quddiem il-każin tal-Partit Nazzjonalista.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Nhar il-Ħadd, 21 ta' Awwissu, 2022, mit-8.00 a.m. 'il quddiem, minn Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq is-Santwarju u Triq il-Kbira.

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-11.00 a.m. mir-rotta tal-ħruġ minn Ħaż-Żabbar.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Lulju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 121 tal-2022

Wirjiet tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir – Festa tal-Birgu

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsiru wirjiet ta' logħob tan-nar minn braken irmiġġati 'l barra minn Bighi Point.

Pożizzjoni tal-braken:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
P	35°53'.669	14°31'.200
Y	35°53'.629	14°31'.255
Z	35°53'.678	14°31'.317

POLICE NOTICE

No. 128

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Friday, 13th August, 2022, from 2.00 p.m. onwards, through Triq G. Agius Muscat and Triq is-Santwarju in front of PN club.

Public transport will not be affected.

On Sunday, 21st August, 2022, from 8.00 a.m. onwards, through Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Wied il-Għajn, Triq is-Santwarju and Triq il-Kbira.

Public tranport will be affected from 11.00 a.m. on its exit route from Ħaż-Żabbar.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

22nd July, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 121 of 2022

Firework Displays in Grand Harbour – Vittoriosa Feast

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that firework displays will be let off from barges moored off Bighi Point.

Barges position:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
P	35°53'.669	14°31'.200
Y	35°53'.629	14°31'.255
Z	35°53'.678	14°31'.317

Il-barken se jitħallew fil-pożizzjoni matul il-lejl u jkunu mixgħula.

Żewġ braken 'Hull 188' u 'Hull 186' se jiġu rmunkati mit-tarzna tagħhom nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2022, bejn is-1.00 p.m. u l-5.00 p.m., u rmiġġati fil-punti Z u P rispettivament, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Nhar il-Ħadd 31 ta' Lulju 2022, se jsiru spettakli tan-nar minn dawn iż-żewġ braken mit-8.00 a.m. sat-8.15 a.m, minn nofsinhar sal-12.15 p.m. u mit-8.00 p.m. sat-8.30 p.m.

Barkun ieħor 'B45' se jiġi rmunkat mit-tarzna tiegħu nhar il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu, 2022, bejn is-1.00 p.m u l-5.00 p.m., u rmiġġat fil-punt Y, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Wirjiet ta' logħob tan-nar isiru mit-tliet braken kif ġej:

Nhar is-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022, mit-8.00 a.m. sat-8.15 a.m., minn nofsinhar sal-12.15 p.m. u mit-8.00 p.m. sat-8.30 p.m.

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, mit-8.00 a.m. sat-8.15 a.m., minn nofsinhar sal-12.15 p.m. u mit-8.00 p.m. sat-8.30 p.m.

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022, mit-8.00 a.m. sat-8.15 a.m., minn nofsinhar sal-12.15 p.m. u mid-8.45 p.m. sad-9.30 p.m.

Nhar it-Tlieta, 9 ta' Awwissu, 2022, mid-9 15 a.m. sal-9.45 a.m., minn nofsinhar sal-12.15 p.m., mis-7.00 p.m. sas-7.30 p.m., u mill-10.00 p.m. sal-11.30 p.m.

Nhar l-Erbgħa, 10 ta' Awwissu 2022, mit-8.00 a.m. sat-8.15 a.m., minn nofsinhar sal-12.15 p.m. u mis-7.15 p.m. sal-11.00 p.m.

It-tliet braken se jiġu rmunkati lura lejn it-tarzni rispettivi tagħhom nhar il-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2022.

Huwa mitlub spazju wiesa' ta' 200 metru mill-pożizzjoni tal-braken fil-jiem indikati hawn fuq peress li l-braken jistgħu jkunu mgħobbija bil-logħob tan-nar.

Il-barken għandhom juru s-sinjali xierqa għal bastiment ankrat f'konformità mar-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar (COLREGS). Meta mgħobbija bil-logħob tan-nar għandhom itajru l-Bandiera

The barges will be left in position during the night and will be lit.

Two barges 'Hull 188' and 'Hull 186' will be towed from their shipyard on Friday, 29th July, 2022, from 1.00 p.m. till 5.00 p.m. and moored at points Z and P respectively, as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

On Sunday, 31st July, 2022, there will be firework displays from these two barges from 8.00 a.m. till 8.15 a.m, from noon till 12.15 p.m. and from 8.00 p.m. till 8.30 p.m.

Another barge 'B45' will be towed from its shipyard on Friday 5th August, 2022, between 1.00 p.m and 5.00 p.m., and moored at point Y, as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Firework displays will then be let of from the three barges as follows:

On Saturday 6th August 2022, from 8.00 a.m. till 8.15 a.m, from noon till 12.15 p.m. and from 8.00 p.m. till 8.30 p.m.

On Sunday, 7th August 2022, from 8.00 a.m. till 8.15 a.m, from noon till 12.15 p.m. and from 8.00 p.m. till 8.30 p.m.

On Monday, 8th August, 2022, from 8.00 a.m. till 8.15 a.m, from noon till 12.15 p.m. and from 8.45 p.m. till 9.30 p.m.

On Tuesday, 9th August, 2022, from 9.15 a.m. till 9.45 a.m. from noon till 12.15 p.m. and from 7.00 p.m. till 7.30 p.m., from 10.00 p.m. till 11.30 p.m.

On Wednesday, 10th August, 2022, from 8.00 a.m. till 8.15 a.m., from noon till 12.15 p.m. and from 7.15 p.m. till 11.00 p.m.

The three barges will be towed back to their respective shipyards on Thursday, 11th August, 2022.

A wide berth of 200 meters is requested from the position of the barges on the days indicated above as the barges might be loaded with fireworks.

The barges shall exhibit the appropriate signals for a vessel at anchor in compliance with the International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea (COLREGS). When loaded with fireworks they shall exhibit the International

tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'Bravo' binhar u dawl aħmar viżibbli minn kullimkien billejl.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil bastimenti li jkunu f'distanza ta' 200m matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanzi. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi. L-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar għandhom jiġu mħarsa.

Chart affettwata: BA 177

It-22 ta' Lulju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 122 tal-2022

Kampjonat Nazzjonali Aquathlon

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li l-Malta Triathlon Federation (MTF) flimkien ma' Pembroke Athleta Athletics and Triathlon (PAAT) se jorganizzaw il-parti tal-għawm tal-aquathlon fil-Bajja tas-Salina.

It-tellieqa se ssir tul il-korsa A, B u C (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)),

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 56'.932	014° 25'.660
B	35° 57'.182	014° 25'.708
C	35° 57'.078	014° 25'.765

nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju, 2022, mis-7.00 a.m. sal-9.45 a.m.

RHIB tal-klabb 'S16893' u bastiment ta' salvataġġ se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanzi, fid-data u l-ħin stipulati. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kull uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Code of Signals Flag 'Bravo' by day and an all-round red light by night.

Transport Malta will accept no Liabilities whatsoever for any damage caused to vessels that are within the 200m distance during the above-mentioned dates and times.

Mariners are to navigate with caution and at slow speed when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers. Instructions and directions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement personnel are to be complied with.

Chart affected: BA 177

22nd July, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 122 of 2022

Aquathlon National Championship

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Malta Triathlon Federation (MTF) in conjunction with Pembroke Athleta Athletics and Triathlon (PAAT) will be organising, the swimming part of the aquathlon, at Il-Bajja tas-Salina.

The race will be held along the course A, B and C (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)),

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 56'.932	014° 25'.660
B	35° 57'.182	014° 25'.708
C	35° 57'.078	014° 25'.765

on Sunday, 31st July, 2022, from 7.00 a.m. till 9.45 a.m.

A club RHIB 'S16893' and a rescue vessel will be accompanying the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity, on the stipulated date and time. They are to cooperate with the organisers.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affettwati: BA 211B, 211A, 2537 u 2538

It-22 ta' Lulju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 123 tal-2022

Stħarriġ bl-għadis fil-Port il-Kbir – High Voltage Shore Connection Project

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir stħarriġ bl-għadis fil-Port il-Kbir.

L-istħarriġ bl-għadis se jsir bejn Bridge Wharf u Fuel Wharf fiż-żona mdawra bil-linji immaġinarji li jgħaqqdu l-punti A, B, C, D, l-punti E, F, G, H u l-kosta intermedja kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-istħarriġ bl-għadis se jsir bejn it-Tnejn, 25 ta' Lulju, 2022 u l-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2022.

It-tim tal-għadis se jkun assistit mid-dgħajsa tax-xogħol '46' li se jkun qed ittajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A' meta jkun qed isir l-għadis.

Waqt l-istħarriġ għandha tinżamm żona ta' sigurtà ta' 50m madwar iż-żona msemmija hawn fuq.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqgħodu attenti, u jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jinnavigaw fil-viċinanza taż-żona indikati hawn fuq.

Huma għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur u josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 177

It-22 ta' Lulju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 29 tal-2022

Twaqqif mill-Użu JU Rig Topaz Driller

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-JU Rig Topaz Driller twaqqaf mill-użu b'seħħ immedjat u sakemm ikun hemm avviż ieħor fil-pożizzjoni:

Charts affected: BA 211B, 211A, 2537 and 2538

22nd July, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 123 of 2022

Diving survey within the Grand Harbour – High Voltage Shore Connection Project

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a diving survey will be held within the Grand Harbour.

The diving survey will be held between Bridge Wharf and Fuel wharf within the area bounded by the imaginary lines joining the points A, B, C, D, the points E, F, G, H and the intermediate coastline as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The diving survey will be carried out between Monday, 25th July, 2022 and Friday, 29th July, 2022.

The diving team will be assisted by the workboat '46' which will be displaying the International Code of Signals Flag 'A' when diving operations are being carried out.

A safety zone of 50m round the above-mentioned area is to be kept during the surveys.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution and at slow speed when navigating in the vicinity of the above indicated area.

They are to cooperate with the contractor and comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 177

22nd July, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 29 of 2022

Lay Up of JU Rig Topaz Driller

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the JU Rig Topaz Driller has been laid up with immediate effect and until further notice in the following position:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35º 55'.500	014º 49'.500

Żona ta' sigurtà b'raġġ ta' 500 metru ċċentrata fuq il-pożizzjoni ta' hawn fuq ġiet stabbilita u hija ristretta għall-bastimenti mhux awtorizzati kollha.

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: BA 194, 2123, 2124

It-22 ta' Lulju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 30 tal-2022

Marsaxlokk Breakwater Head – MHUX AFFIDABBLI

B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk

Avviz lill-Baħħara Nru 25 tal-2022 – Marsaxlokk Breakwater Head – MITFI

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Marsaxlokk Breakwater Head, iteptep aħmar kull 3 sekondi (Fl.R.3s), fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35º 49'.080	014º 32'.970

ġie msewwi temporanjament, għalhekk issa d-DAWL MHUWIEX AFFIDABBLI.

Avviż lill-Baħħara Nru. 25 tal-2022 – Marsaxlokk Breakwater Head – UNLIT, huwa b'dan IKKANĊELLAT.

Pożizzjoni f'WGS 84 Datum

Charts affettwati: BA Chart 36, 2538, 194

It-22 ta' Lulju, 2022

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Executive – Internal Audit

Permess tal-Jobsplus: 377/2021

MITA qed tfittex li timpjega Executive biex jinqħaqad mal-funzjoni tal-Internal Audit.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 55'.500	014º 49'.500

A safety zone of radius 500m centered on the above position has been established and it is restricted to all unauthorised vessels.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected: BA 194, 2123, 2124

22nd July, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 30 of 2022

Marsaxlokk Breakwater Head – LIGHT UNRELIABLE

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk,

Notice to Mariners No 25 of 2022 – Marsaxlokk Breakwater Head – UNLIT

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Marsaxlokk Breakwater Head, Flashing red every 3 seconds (Fl.R.3s), in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 49'.080	014º 32'.970

has been temporarilary repaired, therefore it is now LIGHT UNRELIABLE.

Notice to Mariners No. 25 of 2022 – Marsaxlokk Breakwater Head – UNLIT is hereby CANCELLED.

Position in WGS 84 Datum

Charts affected: BA Chart 36, 2538, 194

22nd July, 2022

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

Executive – Internal Audit

Jobsplus Permit: 377/2021

MITA is seeking to employ an Executive to join its Internal Audit function.

Il-kandidat/a magħżul/a se j/tirrapporta lill-Manager Internal Audit. Ir-rwol jitlob assistenza fl-ippjanar u l-esekuzzjoni tal-pjan tal-Awditjar Intern billi jsir awditjar intern tal-ICT u rakkomandazzjonijiet ta' azzjonijiet korrettivi biex jitjieb l-operat u jiġu mnaqqsa r-riskji identifikati.

Din hija opportunità ta' sfida u eċitanti li toffri lill-kandidat/a magħżul/a esperjenza ta' attivitajiet ta' awditjar fl-ICT u l-operat tal-intrapriża. Il-kandidat/a għandu/ha j/tkun interessat/a fit-teknoloġija tal-informatika, immotivat/a, inkwiżittiv/a, għandu/ha kompetenzi interpersonali eċċellenti u etika professjonali b'saħħitha.

Din l-opportunità tappella għal gradwati friski tal-ICT li ma jkunux jixtiequ jaħdmu f'oqsma tekniċi tal-ICT imma jkollhom tagħrif tajjeb ħafna tal-kuntest tal-ICT, jew lil gradwati fil-Business jew Finanzi jew Awditjar jew individwi b'esperjenza, kif spejgat aktar 'l isfel:

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Il-kandidati eliġibbli għandu jkollhom wieħed minn dawn it-taħlitiet ta' kwalifiki/esperjenza f'oqsma relatati mal-Business jew ICT jew Finanzi jew Internal Audit.

i) Kwalifika relatata ma' Business jew ICT jew Finanzi jew Awditjar Intern (Livell 5 tal-MQF); JEW

ii) Kwalifika relatata ma' Business jew ICT jew Finanzi jew Awditjar Intern (Livell 4 tal-MQF) flimkien ma' sena esperjenza f'wieħed minn dawn l-oqsma; JEW

iii) Sentejn esperjenza f'wieħed minn dawn l-oqsma.

Il-kandidati għandu jkollhom ukoll Livell 3 tal-MQF fl-Ingliż u fil-Malti.

Gradwati friski jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjieg suġġett għar-riżultat finali.

Il-kwalifiki tal-kandidati, esperjenza u kompetenzi se jiġu assessjati skont il-qafas tal-progress tal-karriera tal-Aġenzija. Il-kandidat/a magħżul/a j/tista' j/tkun impjegat/a fil-Livell ta' Karriera 3 jew f'Livell Senior – Livell ta' Karriera 4.

Ittra elettronika flimkien ma' CV dettaljat għandhom jintbagħtu sa mhux iktar tard mit-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022, lil (careers.mita@gov.mt).

It-22 ta' Lulju, 2022

The selected candidate shall report to the Internal Audit Manager. The role entails to assist in the planning and execution of the Annual audit plan by carrying out ICT related audits and recommending corrective actions to improve operations and mitigate risks identified.

